

Brussell, 8 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9976/17

MAR 123
TRANS 250
COMPET 476
CLIMA 169
MI 477
ENV 578
FISC 123
OMI 32

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	9331/17 MAR 102 TRANS 185 COMPET 418 CLIMA 136 MI 430 ENV 515 FISC 109 OMI 29
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prijetajiet għall-politika tal-UE dwar it- trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ġunju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Prijetajiet għall-politika tal-UE dwar it-transport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji", adottati mill-Kunsill fit-3545 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2017.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

"Prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Term tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2018 u l-Prospetti sal-2020¹;
- ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tat-Trasport Marittimu tal-UE għall-2009-2018²;

FILWAQT LI JILQA' l-Laqgħa Ministerjali Informali dwar it-Trasport Marittimu li ġiet organizzata b'suċċess mill-Presidenza Maltija fil-Belt Valletta, Malta, fid-29 ta' Marzu 2017 li stabbilixxiet prijoritajiet politiċi għall-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu b'appoġġ għall-industrija tat-trasport marittimu, li hija kruċjali għall-ġid tal-UE;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza vitali tat-trasport marittimu u tas-servizzi relatati għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej, billi jipprovdu impjiegi u huma essenzjali għall-kompetittività ekonomika Ewropea u jikkontribwixxu għall-PDG tal-Unjoni Ewropea u t-trasport marittimu bħala katalizzaturi għas-settur marittimu tal-UE;

FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li s-settur marittimu Ewropew qed iħabbat wiċċu ma' sfidi sinifikanti u li tenħtieġ aktar azzjoni biex jinżamm u jiġi żviluppat aktar trasport marittimu ta' kwalità li jkun attraenti u intelliġenti, sigur, soċjali u sostenibbli;

¹ Dokument 10041/14.

² Dokument 12829/16.

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-prijoritajiet politiċi stipulati fid-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta għandhom jitqiesu bis-siġh fil-programm ta' ħidma li jmiss tal-Kummissjoni u fil-prijoritajiet ġenerali tagħha sal-2020;

GĦALDAQSTANT IL-KUNSILL

1. JAPPROVA l-kontenut tad-"Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta" dwar il-"Prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji" u JIRRIKONOXXI d-Dikjarazzjoni bħala komponent sostanzjali tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2020;
2. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi u aġenziji istituzzjonali oħra tal-UE u mal-industrija u sħab soċjali, biex jieħdu inizjattivi adatti u jstabilixxu passi importanti, filwaqt li jieħdu d-"Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta" bħala bażi għal aktar żvilupp u implimentazzjoni tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2020.

**Dikjarazzjoni Ministerjali dwar
Prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività,
Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern
effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji
(Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta)**

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Term tal-Politika tal-UE dwar it-Trasport Marittimu sal-2018 u l-Prospetti sal-2020³;
- ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tat-Trasport Marittimu tal-UE għall-2009-2018⁴;
- A. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati u tad-djalogu bħala element essenzjali għat-tweqqif u l-iżvilupp ulterjuri ta' strateġija tat-trasport marittimu lil hinn mill-2018; FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-diskussjonijiet fil-Konferenza Ministerjali u tal-Partijiet Interessati dwar it-Trasport Marittimu li saret f'Malta fit-28 ta' Marzu 2017;
- B. FILWAQT LI JFAKKRU fl-oġġettivi kontinwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jiġi żgurat livell għoli u uniformi ta' sikurezza u sigurtà marittima;
- C. FILWAQT LI JFAKKRU fil-kontribut sinifikanti tat-trasport marittimu, u tal-attivitajiet relatati, inklużi l-portijiet, għall-ekonomija Ewropea, billi jżidu valuri u impjiegi fiż-żoni kostali kollha tal-Unjoni, FILWAQT LI JINNOTAW l-isfidi ekonomiċi serji li s-settur tat-trasport marittimu qed jiffaċċa;
- D. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW il-hteġa li jinħoloq Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Ostakli u sistema ta' trasport bil-baħar u katina loġistika adatti għas-seklu 21, filwaqt li JTENNU li t-trasport marittimu huwa kruċjali għall-konnessjoni ta' żoni ġeografiċi periferiċi u insulari mal-kumplement tal-Ewropa;

³ Dokument 10041/14.

⁴ Dokument 12829/16.

- E. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ta' aċċessibilità għall-gżejjer u għar-reġjuni remoti u l-aktar imbiegħda u l-ispejjeż marbutin ma' dan;
- F. FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-oġettiv li tiġi appoġġata l-kompetittività fit-tul tat-trasport marittimu Ewropew u tal-industriji marittimi relatati fis-swieq dinjin, fid-dawl taż-żieda fil-kompetizzjoni internazzjonali;
- G. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW l-importanza li tiżdied l-effiċjenza tat-trasport marittimu u tal-ktajjen loġistiċi permezz tad-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni amministrattiva, u l-opportunitajiet sinifikanti maħluqa permezz tal-iskambju ta' data;
- H. FILWAQT LI JFAKKRU fil-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli li fadal li qed ixekklu l-fluss liberu ta' data fis-Suq Intern kif ġie mitlub mill-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016; u wkoll FILWAQT LI JFAKKRU fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2016 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern Elettroniku 2016-2020: Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, li japprovaw il-prinċipji sottostanti (bħad-diġitali b'mod awtomatiku, il-prinċipju ta' darba biss, l-interoperabbiltà b'mod awtomatiku) ta' dak il-Pjan ta' Azzjoni;
- I. FILWAQT LI JQISU li s-simplifikazzjoni tal-formalitajiet amministrattivi għat-tbaħħir u għat-trasport marittimu ta' merkanzija, kif ukoll il-ħtieġa għal flussi ta' informazzjoni diġitali interoperabbli, huma t-tħassib prinċipali tal-industrija tat-tbaħħir u tal-partijiet ikkonċernati mit-trasport marittimu u b'mod partikolari bil-ħsieb li jinħoloq Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew Mingħajr Ostakli;
- J. FILWAQT LI JILQGĦU l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tar-Regolament dwar is-Servizzi Portwarji li jistabbilixxi qafas għall-forniment ta' servizzi portwarji u regoli komuni għat-trasparenza finanzjarja tal-portijiet;
- K. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-isfida tal-kompetizzjoni globali u l-importanza ta' reġimi u skemi ta' tassazzjoni nazzjonali li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-linji gwida komunitarji dwar l-għajjnuna mill-Istat għat-trasport marittimu sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti u l-kompetittività tat-trasport marittimu tal-UE;

- L. FILWAQT LI JFAKKRU fil-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-28 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 23/2016 rigward investimenti fil-portijiet⁵;
- M. FILWAQT LI JENFASIZZAW ir-rwol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-IMO u l-ILO, bħala l-korpi legiſlattivi kompetenti ewlenin madwar id-dinja li jistabbilixxu regoli u standards globali;
- N. FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li t-trasport marittimu – bħala l-aktar mod kosteffikaċi għat-trasport tal-parti l-kbira tal-kummerċ internazzjonali – huwa ċentrali għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030;
- O. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħtieġa li l-professjonijiet fit-trasport marittimu jsiru aktar attraenti għaż-żgħażagħ Ewropej, billi tiġi trasmessa immaġni pożittiva, u billi l-kwalifiki u t-taħriġ jiġu adattati għall-innovazzjoni teknoloġika;
- P. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar it-trasport marittimu internazzjonali kif ukoll il-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles (FTAs) li għandhom impenji qawwija dwar it-trasport marittimu internazzjonali qed isiru dejjem aktar importanti biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali, aċċess għas-suq għall-bastimenti ta' sidien mill-Unjoni⁶ u l-prevedibbiltà ġenerali, fl-isfond ta' tendenzi ta' protezzjoniżmu u miżuri restrittivi, u FILWAQT LI JĦEĠĠU lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-inklużjoni tat-trasport marittimu internazzjonali fi ftehimiet multilaterali, b'mod partikolari taħt l-awspiċi tad-WTO;
- Q. FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li t-trasport marittimu huwa rikonoxxut b'mod ġenerali bħala mod li hu ambjentalment sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għaċ-ċaqliq ta' kwantitajiet kbar ta' merkanzija u minkejja dan, il-volum tal-attività tat-trasport marittimu internazzjonali huwa tant kbir li jipproduċi bejn wieħed u ieħor 2.2% tal-emissjonijiet ta' CO₂ globali⁷;
- R. FILWAQT LI JENFASIZZAW il-ħtieġa għal trasport marittimu aktar ekoloġiku fir-rigward tal-emissjonijiet ta' sustanzi li għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent fil-livell lokali u reġjonali u b'mod partikolari viċin żoni kostali u bliet portwarji;

⁵ Dokument 6693/17.

⁶ Kif stipulat fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p.1).

⁷ It-tielet Studju tal-IMO dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, 2014.

- S. FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID li t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent jeħtieġu reazzjoni globali, b'mod partikolari meta jkunu qegħdin jittrattaw azzjonijiet mis-settur tat-trasport marittimu;
- T. FILWAQT LI JILQGĦU l-progress li sar fl-MEPC 70 tal-IMO permezz ta':
- l-istabbiliment tal-1 ta' Jannar 2020 bħala d-data tad-dħul fis-seħħ tal-limitu massimu globali ta' 0.5% ta' kubrit għall-fjuwils tal-baħar;
 - l-adozzjoni ta' sistema obbligatorja ta' ġbir ta' data globali għall-konsum ta' fjuwil mill-bastimenti; u
 - l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali għal strateġija inizjali iżda komprensiva tal-IMO dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn bastimenti li għandha tiġi adottata fl-2018 fi żmien xieraq biex is-settur jikkomunika l-progress tiegħu fl-ewwel rendikont skont il-Ftehim ta' Pariġi;
- U. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-ħidma mwettqa fil-qafas tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni⁸;

GĦALHEKK IL-MINISTRI EWROPEJ GĦAT-TRASPORT MARITTIMU

- I. Kompetittività - kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Ewropa u barra mill-pajjiż
1. JISSOTTOLINJAW li, sabiex tiġi żviluppata industrija Ewropea tat-trasport marittimu li tkun minn ta' quddiem fid-dinja, huwa essenzjali li jiġu pprovduti kondizzjonijiet qafas stabbli, prevedibbli u kompetittivi bbażati fuq standards internazzjonali għoljin dwar is-sikurezza, is-sigurtà, l-ambjent u l-kondizzjonijiet soċjali;
 2. IFAKKRU li portijiet konnessi b'mod tajjeb u moderni u trasport bil-baħar fuq distanzi qosra effiċjenti għandhom rwol ewlieni biex jippreservaw u jattiraw industriji u attivitajiet ta' loġistika ġodda, biex jgħaqqdu flimkien reġjuni differenti fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni u jappoġġaw l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport;

⁸ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24.9.2013 li tistabbilixxi grupp ta' esperti dwar is-sostenibbiltà tat-trasport marittimu – Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF), C(2013) 5984 final.

3. JAPPELLAW għal konnettività mtejba, f'termini ta' konnessjonijiet marittimi affidabbli, frekwenti u sostenibbli, sabiex jimtlew il-lakuni eżistenti, jiġi evitat l-iżolament u jiġu offruti opportunitajiet ta' tkabbir indaqs għall-gżejjer u r-reġjuni mbiegħda u r-reġjuni periferiċi u insulari;
4. JINSISTU fuq il-ħtieġa li tingħata spinta lill-ħolqien ta' netwerk ta' kurituri tat-trasport multimodali li jgħaqqdu żoni industrijali, periferiċi, insulari u li jkunu kkaratterizzati minn faċilitajiet ta' trasbord moderni, infrastruttura portwarja effiċjenti u sostenibbli, xejriet ta' awtomatizzazzjoni u teknoloġiji avvanzati integrati fil-qafas regolatorju u amministrattiv xieraq u JAPPELLAW biex titkompla l-ħidma f'dan ir-rigward fil-qafas tal-linji gwida tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa billi jsir l-aħjar użu tal-istrumenti finanzjarji u l-għotjiet rilevanti;
5. JENFASIZZAW il-ħtieġa li s-settur tat-trasport marittimu tal-UE jsir attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri sabiex jiġi evitat li s-settur marittimu Ewropew jiltaqa' ma' nuqqas ta' persunal ikkwalfikat bit-taħlita tajba ta' ħiliet u kompetenzi u JAFFERMAW MILL-ĠDID il-ħtieġa li jissaħħa l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet soċjali ekwivalenti fit-tbaħħir u jiġi żgurati it-trattament ġust tal-baħħara permezz ta' applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 tal-ILO u ta' ftehimiet rilevanti bejn is-sħab soċjali⁹, JAPPOĠĠAW inizjattivi u azzjonijiet sabiex jiġi attirat u mħarreġ numru suffiċjenti ta' baħħara tal-UE u, għalhekk, JENFASIZZAW il-ħtieġa li jiġu promossi u rinforzati standards internazzjonali li jiżguraw kondizzjonijiet tajba ta' xogħol u għajxien;
6. JIRRIKONOXXU b'mod partikolari, il-vantaġġi li jiġu impjegati aktar nisa fis-settur tat-trasport u JENFASIZZAW il-ħtieġa li tiżdied il-parteciċipazzjoni tan-nisa fis-settur tat-trasport marittimu;
7. IĦEĠĠU lis-sħab soċjali biex jidentifikaw u jiżviluppaw inizjattivi komuni u kondizzjonijiet soċjali attraenti biex jippromwovu l-impjegi tal-baħħara fl-Ewropa u jagħmlu s-settur aktar attraenti, pereżempju bl-iffaċilitar tal-użu ta' mezzi moderni ta' komunikazzjoni, inkluż l-aċċess għall-Internet abbord;

⁹ Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30).

8. JENFASIZZAW l-importanza tal-promozzjoni tad-djalogu multilaterali, reġjonali u bilaterali, ta' kooperazzjoni eqreb u tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar it-trasport marittimu fil-livell internazzjonali bl-għan li jitrawwem ambjent b'kondizzjonijiet ekwivalenti;
 9. JAPPELLAW lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi fil-livelli kollha għal kondizzjonijiet ekwivalenti fil-livell globali filwaqt li jinħolqu l-kondizzjonijiet qafas biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq ta' reġjuni b'potenzjal ekonomiku li qed jikber;
 10. JINKORAĠĠIXXU lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex ikomplu jippromwovu standards trasparenti, globalment vinkolanti u teknoloġikament avvanzati li ma jfixklux il-kompetizzjoni u b'hekk ifittxu soluzzjonijiet internazzjonali;
 11. JAFFERMAW MILL-ĠDID il-valur miżjud tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, u l-ħtieġa għal qafas stabbli ta' tassazzjoni f'konformità ma' dawk il-linji gwida, biex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti fil-livell globali għat-trasport marittimu tal-UE, biex titjeb aktar il-kwalità u l-attrazzjoni tal-bnadar tal-Istati Membri tal-UE, u jinħolqu l-kondizzjonijiet li fihom it-trasport marittimu jkun jista' jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ekonomija tal-UE;
 12. IFAKKRU fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-28 ta' Frar 2017 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 23/2016 rigward investimenti f'portijiet marittimi, li jenfasizzaw għadd ta' kwistjonijiet relatati ma' portijiet marittimi, inkluż linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-portijiet marittimi, l-iżvilupp ulterjuri ta' Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) għal ċerti investimenti portwarji, il-ħtieġa għal aktar finanzjament għal portijiet, in-natura speċifika tal-infrastruttura tal-portijiet u l-integrazzjoni sħiħa tal-portijiet fin-netwerk TEN-T;
- II. Diġitalizzazzjoni
13. IFAKKRU fil-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa u rapida ta' Ċinturin Blu, inkluż permezz ta' manifest tat-tagħbija elettroniku armonizzat (il-Manifest elettroniku), u JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tippovdi informazzjoni fuq bażi regolari lill-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni u l-effikaċja tiegħu;

14. JILQGĦU u JAPPOĠĠAW il-ħidma fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-Manifest elettroniku żviluppati mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, l-industrija u l-EMSA;
15. JISSOTTOLINJAW in-nuqqasijiet identifikati fir-riżultati preliminari mwettqa mill-Kummissjoni rigward l-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet tar-Rappurtar;
16. JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tipproponi segwitu xieraq għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet tar-Rappurtar, inkluż permezz tal-introduzzjoni tal-Manifest elettroniku permezz ta' ambjent ta' Punt Uniku ta' Kuntatt Marittimu Ewropew armonizzat, biex jiġi stabbilit Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Ostakli u biex jittejbu l-effiċjenza u l-attrazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu;
17. JIRRIKONOXXU l-importanza li jiġi stimulat l-iskambju ta' data u li jiġu kkjarifikati l-kondizzjonijiet biex id-data tkun aċċessibbli u disponibbli għall-partijiet kollha fid-dawl tal-ottimizzazzjoni tal-ktajjen loġistiċi u l-promozzjoni ta' trasport multimodali fl-Ewropa u internazzjonalment, u għalhekk JILQGĦU b'mod partikolari inizjattivi portwarji intelliġenti meħuda għal dan il-għan u inizjattivi oħra bħall-Forum tat-Trasport u l-Loġistika Diġitali;
18. JINNOTAW il-potenzjal tal-awtomatizzazzjoni li tikkomplementa d-diġitalizzazzjoni billi toffri tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil, żieda fl-effiċjenza u ottimizzazzjoni tal-flussi ta' merkanzija fil-loġistika, kif ukoll titjib fis-sigurtà u l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport marittimu tal-UE; u għalhekk JENFASIZZAW l-importanza li jkun possibbli żvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet diġitali u teknoloġija marittima avvanzata kif ukoll li jiġi promoss l-użu ta' data miftuħa b'kont meħud tal-ħtieġa għal qafas legali aġġornat li jippermetti l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali;
19. JENFASIZZAW il-ħtieġa li jkompli jiġi promoss il-kunċett ta' diġitalizzazzjoni u verifika elettronika ta' ċertifikati għall-bastimenti u l-membri tal-ekwipaġġ fuq livell internazzjonali u JINKORAĠĠIXXU li ċ-ċertifikati jsiru disponibbli b'mod elettroniku;

III. Dekarbonizzazzjoni u Tnaqqis tal-Emissjonijiet fl-Arja

20. JISTIEDNU lill-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, biex jaħdmu biex fl-2018 tiġi adottata strateġija inizjali ambizzjuża tal-IMO dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-bastimenti, u b'hekk jittieħed kont tal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi ferm taħt iż-2°C, inkluż miżuri ulterjuri fuq perijodu qasir-, medju u fit-tul bil-għan li jiddefinixxu l-kontribut tas-settur tat-trasport marittimu għall-isforzi internazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra; għal dan il-għan JISTIEDNU lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħmlu kuntatt ma' pajjiżi terzi u mal-industriji għall-fini li tiġi żgurata l-adozzjoni ta' strateġija ambizzjuża fir-rebbiegħa tal-2018, biex jiġi appoġġat it-tiżiħ tal-kapaċitajiet, inkluż inizjattivi li juru l-benefiċċji tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu, u biex jiġu promossi r-riċerka u l-investment, sabiex ma jiġi eskluż l-ebda pajjiż meta jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;
21. JAPPELLAW lill-Kummissjoni biex, ladarba jiġi stabbilit il-qafas legali għas-sistema globali, tipproponi emenda għar-Regolament MRV tal-UE sabiex jinkiseb allinjament ma' ftehim internazzjonali;
22. IĦEĠĠU lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkooperaw rigward l-infurzar effettiv ta' regoli reġjonali u globali dwar l-emissjonijiet fl-arja minn bastimenti u JENFASIZZAW l-importanza tal-iskambju ta' data rilevanti dwar il-konformità f'dan ir-rigward;
23. JAPPOĠĠAW l-inizjattivi tal-Kummissjoni għall-promozzjoni tal-użu ta' enerġiji alternattivi u fjuwils għat-trasport marittimu, b'mod partikolari standards armonizzati għall-konnetturi ta' forniment ta' gass naturali likwifikat (LNG) u proċeduri għall-forniment tal-LNG fil-portijiet Ewropej, bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-settur u b'kontribut għall-konformità mar-rekwiżiti tal-emissjonijiet globali, b'mod partikolari tal-limiti tal-emissjonijiet tal-kubrit adottati mill-IMO;

24. JILQGĦU l-programm ta' Garanzija għat-Tbaħħir Ekoloġiku li jindirizza b'mod effettiv l-isfidi relatati mal-finanzjament ta' investimenti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport marittimu Ewropew u l-kompetittività tiegħu u JAPPOĠĠAW il-ħidma tal-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rwol tal-portijiet fl-ekoloġizzazzjoni tat-trasport marittimu u JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju għal investimenti bħal faċilitajiet ta' provvista tal-elettriku max-xatt jew infrastruttura ta' forniment ta' fjuwils alternattivi oħra;
25. JISTIEDENU lill-Kummissjoni tkompli bl-inizjattivi tagħha biex tgħin lill-industrija tat-trasport marittimu billi jsir l-aħjar użu tal-inċentivi ekonomiċi u finanzjarji disponibbli fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri u fil-livell tal-portijiet biex titjieb is-sostenibbiltà ambjentali tas-settur, inkluż ukoll l-użu ta' fondi għar-riċerka għal teknoloġiji li ser jaslu għal validazzjoni tas-suq f'ċikli ta' investiment f'nofs is-seklu;
26. JAFFERMAW l-appoġġ qawwi għal trasport marittimu sikur u li jirrispetta l-ambjent fl-ilmijiet Polari u f'żoni tal-baħar vulnerabbli oħra u JENFASIZZAW il-ħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi Polari tal-IMO.
-